

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi segwenti.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

- Il-motivazzjoni mogħtija għall-inklużjoni tar-rikorrenti fil-listi li jinsabu fl-Annessi tal-atti legali kkontestati ma tissodisfax ir-rekwiżiti previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE. Il-motivazzjoni mogħtija hija vaga u ma hijiex preċiża biżżejjed. Minn naħa, mill-motivazzjoni mogħtija ma joħroġx b'mod ċar liema appoġġ Statali allegatament irċeviet ir-rikorrenti għall-iżvilupp taż-żona ekonomika speċjali Bremino-Orsha. Barra minn hekk, il-motivazzjoni li tikkonċerna l-ġhoti ta' "għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa u benefiċċji oħra" favur ir-rikorrenti ma hijiex ċara sa fejn ma jistgħux jiġu identifikati liema huma dawn il-vantaġġi. L-affermazzjoni li l-azzjonisti ta' Bremino-Grupp OOO huma s-"sidien ta' Bremino-Orsha" hija inkorretta sa fejn legalment ma huwiex possibbli li żona ekonomika jkollha sid. Min-naħa l-oħra, l-allegazzjoni li t-tliet azzjonisti tar-rikorrenti "jiffurmaw parti miċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti marbuta ma' Lukaschenka" hija wisq ġenerali u ma tistax tikkostitwixxi motivazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet.

2. It-tieni motiv: żball manifest ta' evalwazzjoni

- Huwa manifest li l-konvenut telaq minn premessa fattwali żbaljata, b'tali mod li l-evalwazzjoni magħmula kienet inkorretta. Il-fatt li ż-żona ekonomika speċjali nħolqot permezz ta' digriet tal-President ma jagħtix vantaġġ lir-rikorrenti sa fejn din il-proċedura hija prevista fil-leġiżlazzjoni Bjelorusa fir-rigward tal-ħolqien ta' żoni ekonomiċi. Il-vantaġġi fiskali fil-kuntest taż-żona ekonomika speċjali huma disponibbli għal kull investitur. Ma huwiex ċar kif il-konvenut wasal sabiex jiddefinixxi ċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti marbuta ma' Lukaschenka u fuq liema bażi inkluda lill-azzjonisti tar-rikorrenti f'dan iċ-ċirku. Barra minn hekk, minn din il-motivazzjoni ma joħroġx b'mod ċar kif ir-rikorrenti kienet ikkonċernati sa fejn ma bbenefikat minn ebda vantaġġ. Hija lanqas ma kienet irċeviet appoġġ min-naħa ta' bin il-President, Viktor Lukaschenka.

3. It-tielet motiv: ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

- Il-konvenut ma informax lir-rikorrenti li kien qiegħed jipprevedi l-inklużjoni tagħha fil-listi li huma s-suġġett ta' din il-proċedura u ma tahiex l-opportunità sabiex tiddefendi ruħha qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-introduzzjoni tal-miżuri restrittivi u, jekk ikun il-każ, sabiex tipproduċi provi li jirribattu l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha.

4. Ir-raba' motiv: nuqqas ta' proporzjonalità tal-miżuri restrittivi

- L-atti legali kkontestati jikkostitwixxu ndħil inġustifikat u sproporzjonat fid-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, b'mod partikolari fid-dritt tagħha għall-proprjetà, fid-dritt tagħha għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika u fid-dritt tagħha għall-ħarsien tar-reputazzjoni tagħha skont l-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2021 – Steinbach International vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-566/21)

(2021/C 490/57)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Steinbach International GmbH (Schwertberg, l-Awstrija) (rappreżentant: J. Gesinn, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/957 tal-31 ta' Mejju 2021 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2021, L 211, p. 48).

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-erba' motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li, billi kklassifikat Mesh Lounge taħt l-intestatura 6306 90 00 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), il-konvenuta biddlet il-kontenut ta' dawn l-intestaturi tariffarji.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-intestatura 9506 tan-Nomenklatura Magħquda tikkostitwixxi intestatura li fiha Mesh Lounge jista' jiġi kklassifikat, peress li huwa tagħmir għall-isport tal-baħar u peress li jista' jiġi faċilment ipparagunat ma' ċrieki li jintefħu għall-għawm, li fir-rigward tagħhom il-konvenuta diġà ddeċidiet li huma oġġetti taħt l-intestatura 9506 2900 tan-Nomenklatura Magħquda. Ma huwiex deċiżiv jekk Mesh Lounge jintużax għal attivitajiet sportivi.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li, jekk jitqies li Mesh Lounge ma jistax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 9506 29 00 tan-Nomenklatura Magħquda, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 3926 9097 90 tan-Nomenklatura Magħquda (oġġetti oħrajn tal-plastik, magħmula minn pjanċi) hija possibbli, peress li l-kuxin tal-arja u ċ-ċirku – iżda mhux il-malja – huma l-komponenti karatteristiċi.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-evalwazzjoni globali saret biss abbażi tal-użu. L-evalwazzjoni globali għandha ssir abbażi ta' karatteristiċi oħra, b'tali mod li Mesh Lounge – jekk tiġi injorata l-klassifikazzjoni tiegħu fl-intestaturi rilevanti l-oħra – kellu jiġi kklassifikat fl-intestatura 3926 9097 90 tan-Nomenklatura Magħquda. Mesh Lounge ma jistax jitqies bħala tagħmir għall-ikkampjar. B'mod alternattiv, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9503 0095 90 (Ġugarelli oħrajn tal-plastik) tan-Nomenklatura Magħquda tista' tiġi kkunsidrata jekk Mesh Lounge jitqies bħala simili għas-saqjiet li jintefħu.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2021 – Swords vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-586/21)

(2021/C 490/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Patrick Swords (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentant: G. Byrne, Barrister-at-Law)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċizzjoni impliċita tal-Kummissjoni ddatata t-13 ta' Lulju 2021 li tirrifjuta li tagħti aċċess għad-dokumentazzjoni rikjesta mir-rikorrent; (¹)
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tar-rikorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoċa żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li, billi rrifjutat aċċess għad-dokumentazzjoni rikjesta, il-Kummissjoni kisret it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001. (²)
 - Ir-rikorrent jargumenta li, minkejja li hemm investigazzjoni għaddejja fir-rigward tal-Irlanda, dan minnu nnifsu ma jistax jiġġustifika l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuqha meta rrifjutat żvelar f'dan il-każ. Il-fatt li diversi drittijiet fundamentali ta' membri rilevanti tal-pubbliku ġew ristretti b'mod daqstant sever u b'mod daqshekk mingħajr preċedent u sever missu kien ta' piż kontra d-deċizzjoni li jiġi rrifjutat żvelar fil-kuntest ta' dan il-każ. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jargumenta li l-Kummissjoni naqset milli tinterspreta u tapplika strettament l-imsemmija restrizzjoni, fid-dawl tat-tbatija sostnuta minn membri rilevanti tal-pubbliku fir-rigward tal-miżuri estremi imposti mill-Irlanda, li jiksru libertajiet ċivili u drittijiet fundamentali b'mod totalment mingħajr preċedent fl-istorja tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent jargumenta li tali kunsiderazzjonijiet juru li l-prinċipji ta' trasparenza u demokrazija f'dan il-każ, flimkien mal-impedimenti fuq aċċess għal ġustizzja sofruti minn tali membri tal-pubbliku, huma kwistjonijiet ta' tħassib urġenti li misshom ingħataw precedentza fuq ir-raġunijiet li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuqhom sabiex issostni r-rifjut tagħha li tiżvela l-informazzjoni rikjesta.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li, jekk l-eċċezzjoni mqajma mill-Kummissjoni kienet applikabbli, il-Kummissjoni żbaljat billi naqset milli tirrikonoxxi li t-talba tar-rikorrent qamet f'ċirkustanzi eċċezzjonali, u żbaljat meta ddeċidiet li ma kienx hemm interess pubbliku superjuri fl-iżvelar tal-informazzjoni rikjesta. Għaldaqstant, ir-rikorrent jargumenta li d-deċizzjoni tal-Kummissjoni tikkostitwixxi ksar tal-aħħar sentenza tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4 (2) tar-Regolament Nru 1049/2001.